# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

25 ta' Ottubru 2011 *

Fil-Kawżi magħquda C-509/09 u C-161/10,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) (C-509/09) u mit-Tribunal de grande instance de Paris (Franza) (C-161/10), permezz tad-deċiżjonijiet tal-10 ta' Novembru 2009 u tad-29 ta' Marzu 2010 li waslu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament fid-9 ta' Diċembru 2009 u fis-6 ta' April 2010, fil-proċeduri

**eDate Advertising GmbH**

vs

**X,**

u

**Olivier Martinez,**

* Lingwi tal-kawża: il-Ġermaniż u l-Franċiż.

**Robert Martinez**

vs

**MGN Limited,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, U. Lõhmus u M. Safjan (Relatur), Presidenti ta' Awla, E. Levits, A. Ó Caoimh, L. Bay Larsen u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Diċembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal eDate Advertising GmbH, minn H. Graupner u M. Dörre, Avukati,

— għal X, minn A. Stopp, Avukat,

— għal MGN Limited, minn C. Bigot, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti

— għall-Gvern Daniż, minn C. Vang, bħala aġent,

— għall-Gvern Grieg, minn S. Chala, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn W. Ferrante, bħala aġent,

— għall-Gvern Lussemburgiż, minn C. Schiltz, bħala aġent,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer u E. Riedl, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn F. Penlington, bħala aġent, assistita minn J. Stratford, QC,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wilderspin, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill KE Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42, iktar 'il quddiem ir-"Regolament"), u tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ kawżi, minn naħa, bejn X u eDate Advertising GmbH (iktar 'il quddiem "eDate Advertising") u, min-naħa l-oħra, bejn O. Martinez u R. Martinez u MGN Limited (iktar 'il quddiem "MGN"), fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili ta' dawn il-konvenuti fir-rigward ta' informazzjoni u ritratti ppubblikati fuq l-internet.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Ir-Regolament 44/2001*

3 Il-premessa 11 tar-Regolament tipprovdi:

"Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom jiġu mbassra minn qabel u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u l-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq dan il-lat ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tal-materja tal-litigazzjoni jew ta' awtonomija tal-partijiet tkun teħtieġ fattur differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni."

4 Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament, li jinsab fis-Sezzjoni 1 intitolata "Disposizzjonijiet ġenerali" tal-Kapitolu II ("ĠURISDIZZJONI") ta' dan ir-Regolament:

"Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru."

5 L-Artikolu 3(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jiġi mfittxija fil-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla f'Sezzjonijiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu."

6 Fis-Sezzjoni 2, intitolata "Ġurisdizzjoni speċjali", tal-Kapitolu II l-Artikolu 5(3) jipprovdi:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxijja:

[...]

3. F'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kwasi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq".

*Id-Direttiva 2000/31*

7 Ir-raba' sentenza tal-premessa 22 tad-Direttiva tipprovdi:

"aktar minn hekk, sabiex tkun iggarantita effettivament il-libertà li jkunu provduti servizzi u ċ-ċertezza legali għall-fornituri u għal dawk li jirċievu s-servizzi, servizzi bħal dawn minn soċjetà ta' l-informazzjoni għandhom bħala prinċipju jkunu suġġetti għal-liġi ta' l-Istat Membru li fih dak li jipprovdi s-servizzi jkun stabbilit."

8 Il-premessa 23 tad-Direttiva tipprovdi:

"Din id-Direttiva la ma timmira li tistabbilixxi regoli addizzjonali dwar il-liġi privata internazzjonali li tirrigwarda konflitti ta' liġi u lanqas ma titratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati; disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli mħejjija skond ir-regoli ta' liġi privata internazzjonali m'għandhomx jirrestrinġu l-libertà li jkunu provduti servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni kif stabbilit f'din id-Direttiva."

9 Il-premessa 25 tad-Direttiva tispeċifika:

"Qrati nazzjonali, inklużi qrati ċivili, li jittrattaw kwistjonijiet ta' liġi privata jistgħu jieħdu miżuri biex jidderogaw mill-libertà li jkunu provduti servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva."

10 Skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva, l-għan ta' din tal-aħħar huwa "li tikkontribwixxi għal funzjonament sewwa tas-suq intern billi tassigura l-moviment liberu bejn l-Istati Membri ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni".

11 L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva huwa mfassal kif ġej:

"Din id-Direttiva ma tistabbilixxix regoli addizzjonali ta' liġi privata internazzjonali u lanqas ma titratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati."

12 L-Artikolu 2(h)(i) tad-Direttiva jipprovdi:

"Il-qasam ikkordinat jikkonċerna ħtiġijiet li magħhom dak li jipprovdi s-servizz għandu jkun konformi fir-rigward ta':

— il-bidu ta' l-attività ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni, bħal ma huma l-ħtiġijiet li jikkonċernaw kwalifiki, awtorizzazzjoni jew notifikazzjoni,

— il-prattika ta' l-attività ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni, bħal ma huma ħtiġijiet li jikkonċernaw l-imġiba ta' dak li jipprovdi servizzi, ħtiġijiet li jirrigwardaw il-kwalità jew kontenut tas-servizz inklużi dawk applikabbli għal reklamar u kuntratti, jew ħtiġijiet li jikkonċernaw ir-responsabbilità ta' min jipprovdi s-servizz;"

13 L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva jipprovdi:

"1. Kull Stat Membru għandu jassigura li s-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni provduti minn dak li jipprovdi servizz li jkun stabbilit fit-territorju tiegħu jkun konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru f'dak il-każ li huwa fil-qasam ikkordinat.

2. L-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jidħlu fil-qasam ikkordinat, jillimitaw il-libertà li jkunu provduti servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni minn Stat Membru ieħor."

14 L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jistgħu jadottaw, fir-rigward ta' servizz ta' soċjetà tal-informazzjoni, miżuri li jidderogaw mill-paragrafu 2.

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Kawża C-509/09*

15 Fl-1993, X, li joqgħod il-Ġermanja, ġie kkundannat flimkien ma ħuh minn qorti Ġermaniża għall-ħabs għal għomru għall-qtil ta' attur Ġermaniż magħruf. Minn Jannar 2008, X jinsab f'libertà kundizzjonata.

16 eDate Advertising, li hija stabbilita fl-Awstrija, tamministra portal tal-internet bl-indirizz "www.rainbow.at". Fit-taqsima "Info-News", fil-paġni ddedikati għal informazzjoni inqas reċenti, ir-rikorrenti żammet għad-dispożizzjoni sat-18 ta' Ġunju 2007, sabiex tiġi kkonsultata, informazzjoni li tmur lura għat-23 ta' Awwissu 1999. F'din l-informazzjoni kien jingħad li X u ħuh, imsemmijin b'isimhom, kienu t-tnejn li huma adixxew lill-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali federali) ta' Karlsruhe (il-Ġermanja) b'appell kontra l-kundanna tagħhom. Minbarra deskrizzjoni qasira tal-fatti mwettqa fl-1990, l-avukat maħtur mill-kundannati ġie ċċitat bħala li ddikjara li kienu beħsiebhom jippruvaw li diversi mix-xhieda prinċipali kontra ma kinux qalu l-verità matul il-proċess.

17 X intima lil eDate Advertising tieqaf milli tagħmel dan kif ukoll biex tagħmel dikjarazzjoni dwar impenn li ma tagħmilx dan iżjed. eDate Advertising ma rrispondietx għal din l-ittra iżda, fit-18 ta' Ġunju 2007, irtirat l-informazzjoni kkontestata mis-sit internet tagħha.

18 Permezz tar-rikors tiegħu quddiem il-qrati Ġermaniżi, X jeżiġi li eDate Advertising tieqaf titkellem dwaru billi ssemmi ismu sħiħ fir-rigward tal-att imwettaq. Din tal-aħħar prinċipalment ikkontestat il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Ġermaniżi.

Filwaqt li r-rikorsi bdew fiż-żewġ qrati inferjuri, eDate Advertising tkompli tinsisti, quddiem il-Bundesgerichtshof, fuq it-talbiet tagħha intiżi għaċ-ċħid tar-rikors.

19 Il-Bundesgerichtshof tosserva li s-soluzzjoni ta' dan ir-rikors hija suġġetta għall-kwistjoni ta' jekk il-qrati inferjuri kinux iġġustifikati meta ddeċidew li għandhom ġurisdizzjoni internazzjonali sabiex jiddeċiedu l-kawża skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament.

20 Jekk tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Ġermaniżi, tqum il-kwistjoni li jsir magħruf jekk id-dritt Ġermaniż jew id-dritt Awsrijaku humiex applikabbli. Dan jiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva.

21 Minn naħa, il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini jista' jikkostitwixxi korrettiv fil-livell tad-dritt sostantiv. Il-kontenut tar-riżultat dwar il-mertu, previst mid-dritt iddikjarat applikabbli skont ir-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet tal-Istat tal-*forum*, ikun, fil-każ konkret, is-suġġett ta' bdil u, jekk ikun il-każ, ridott għall-eżiġenzi inqas stretti tad-dritt tal-pajjiż tal-oriġini. Skont din l-interpretazzjoni, il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini ma jaffettwax ir-regoli nazzjonali ta' kunflitt ta' liġijiet tal-Istat tal-*forum* u jiġi applikat — l-istess bħal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat KE — biss fil-każ ta' paragun konkret żvantaġġi/benefiċċji fil-livell tad-dritt sostantiv.

22 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3 tad-Direttiva jista' jistabbilixxi prinċipju ġenerali fil-qasam tar-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet li jġib miegħu biss l-applikazzjoni tad-dritt fis-seħħ fil-pajjiż tal-oriġini billi jevita r-regoli nazzjonali ta' kunflitt tal-liġijiet.

23 Il-Bundesgerichtshof tindika li jekk jitqies li l-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini jikkostitwixxi ostakolu għall-applikazzjoni tad-dritt fil-livell sostantiv, konsegwentement ikun applikabbli d-dritt internazzjonali privat Ġermaniż u d-deċiżjoni appellata jkollha tiġi

annullata u r-rikors ikollu jiġi miċħud b'mod definittiv peress li ma jkunx possibbli, abbażi tad-dritt Ġermaniż, li jiġi ddikjarat li r-rikorrent fil-kawża prinċipali għandu dritt għal azzjoni ta' inibizzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk il-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini jiġi rikonoxxut bħala regola ta' kunflitt ta' liġijiet, id-dritt għal azzjoni ta' inibizzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali jkollu jiġi evalwat skont id-dritt Awstrijak.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-frażi 'il-post fejn l-effett tal-ħsara [...] jista' jitwettaq' li tinsab fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament [...] għandha, fil-każ (eventwali) ta' ksur ta' drittijiet tal-personalità minn kontenut f'sit internet, tiġi interpretata fis-sens

li l-persuna kkonċernata tista' tinvoka mandat ta' inibizzjoni kontra l-operatur tas-sit internet quddiem il-qrati tal-Istati Membri li fihom jista' jiġi kkonsultat is-sit internet, indipendentement mill-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur,

jew

il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru li fih l-operatur ta' sit internet ma huwiex stabbilit teħtieġ rabta partikolari (rabta mal-Istat inkwistjoni) bejn il-kontenut ikkontestat jew is-sit internet u l-qorti domestika, li tmur lil hinn mill-possibbiltà teknika ta' konsultazzjoni?

2) Jekk tali rabta hija meħtieġa:

Liema huma l-kriterji li jiddeterminaw tali rabta?

Huwa rilevanti li, skont l-intenzjoni tal-operatur, is-sit internet ikkontestat ikun indirizzat speċifikament (ukoll) għall-utenti tal-internet tal-Istat domestiku jew huwa biżżejjed li l-informazzjoni li tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit internet tkun oġġettivament marbuta mal-Istat domestiku fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni, b'mod partikolari minħabba l-kontenut tas-sit internet ikkontestat, kunflitt tal-interessi diverġenti — l-interess tal-applikant fl-osservanza tad-drittijiet tal-personalità tiegħu u l-interess tal-operatur fit-tfassil tas-sit internet tiegħu u fl-għoti ta' informazzjoni — seta' effettivament twettaq jew jista' jitwettaq fl-Istat domestiku?

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' rabta partikolari, in-numru ta' konsultazzjonijiet tas-sit internet ikkontestat li jsiru mill-Istat domestiku huwa ta' natura deċiżiva?

3) Jekk ebda rabta partikolari ma hija neċessarja għall-ammissjoni ta' ġurisdizzjoni jew jekk huwa biżżejjed, sabiex tiġi stabbilita tali rabta, li l-informazzjoni kkontestata hija oġġettivament marbuta mal-Istat domestiku fis-sens li seta' twettaq jew jista' jitwettaq kunflitt ta' interessi diverġenti fl-Istat domestiku, skont iċ-ċirkustanzi inkwistjoni, minħabba b'mod partikolari l-kontenut tas-sit internet ikkontestat, u li l-eżistenza ta' rabta partikolari ma timplikax il-konstatazzjoni ta' numru minimu ta' konsultazzjonijiet tas-sit internet ikkontestat mill-Istat domestiku:

L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva [...] għandu jiġi interpretat fis-sens

li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jingħataw in-natura ta' regoli ta' kunflitt ta' liġi fis-sens li fid-dritt ċivili jeħtieġu wkoll l-applikazzjoni esklużiva tad-dritt applikabbli fil-pajjiż tal-oriġini, bl-esklużjoni ta' regoli nazzjonali ta' kunflitt ta' liġi,

jew

dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu korrettiv fuq livell sostantiv li permezz tiegħu r-riżultat dwar il-mertu tal-liġi ddikjarata applikabbli skont ir-regoli nazzjonali ta' kunflitt ta' liġi jinbidel u jiġi aġġustat skont ir-rekwiżiti tal-pajjiż tal-oriġini?

Fil-każ li l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva [...] jkun ta' natura ta' regola ta' kunflitt ta' liġi:

Id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq sempliċement jeħtieġu l-applikazzjoni esklużiva tad-dritt materjali fis-seħħ fil-pajjiż tal-oriġini jew ukoll l-applikazzjoni tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi applikabbli f'tali pajjiż, bil-konsegwenza li referenza fid-dritt tal-pajjiż tal-oriġini għad-dritt tal-pajjiż ta' destinazzjoni tibqa' possibbli?"

*Kawża C-161/10*

25 Quddiem it-Tribunal de grande instance de Paris, l-attur Franċiż, Olivier Martinez u missieru, Robert Martinez, qed jilmentaw dwar preġudizzju għall-ħajja privata tagħhom u ksur tad-dritt għall-immaġni ta' Olivier Martinez li huma kkaratterizzati mit-tqegħid online, fuq is-sit tal-internet aċċessibbli fl-indirizz "www.sundaymirror.co.uk", ta' test bl-ingliż tat-3 ta' Frar 2008 intitolat, skont it-traduzzjoni Franċiża mhux ikkontestata annessa mal-proċess, "Kylie Minogue est de nouveau avec Olivier Martinez" ["Kylie Minogue reġgħet qegħdha ma Oliver Martinez"], flimkien ma dettalji dwar il-laqgħa tagħhom.

26 Ibbażata fuq l-Artikolu 9 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, li jgħid li "kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu", il-kawża tressqet kontra MGN, kumpannija rregolata mid-dritt Ingliż, li hija l-editriċi tas-sit tal-gazzetta Brittannika *Sunday Mirror*. Din il-kumpannija teċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal de grande instance de Paris minħabba n-nuqqas ta' rabta suffiċjenti bejn it-tqegħid online ikkontestat u d-dannu allegat fit-territorju Franċiż filwaqt li r-rikorrenti jsostnu, bil-kontra ta' dan, li tali rabta ma hijiex neċessarja u li din f'kull każ teżisti.

27 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-effett ta' ħsara li jkun twettaq permezz tal-internet jista' jiġi kkunsidrat bħala li seħħ fit-territorju ta' Stat biss jekk teżisti rabta suffiċjenti, sostanzjali u sinjifikattiva mal-imsemmi territorju.

28 Il-qorti tar-rinviju tqis li s-soluzzjoni tal-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru sabiex tiddeċiedi dwar ksur tad-drittijiet tal-personalità mwettaq fuq l-internet, permezz ta' sit editjet minn persuna residenti fi Stat Membru ieħor u li huwa essenzjalment intiż għall-pubbliku ta' dan l-Istat Membru l-ieħor, ma tirriżultax b'mod ċar mill-kliem tal-Artikoli 2 u 5(3) tar-Regolament.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal de grande instance de Paris iddeċieda li jissopendi l-proċeduri u jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikoli 2 u 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jagħtu ġurisdizzjoni lil qorti ta' Stat Membru sabiex tiddeċiedi dwar rikors li jirrigwarda ksur tad-drittijiet relatati mal-personalità li jista' jitwettaq minħabba li informazzjoni u/jew ritratti jitqiegħdu online fuq sit tal-internet

ippubblikat fi Stat Membru ieħor minn kumpannija rreġistrata f'dan it-tieni Stat — jew inkella fi Stat Membru ieħor, li fi kwalunwke każ huwa differenti mill-ewwel wieħed —:

— jew abbażi tal-kundizzjoni li dan is-sit internet ikun jista' jiġi kkonsultat minn ġewwa dan l-ewwel Stat,

— jew unikament meta bejn il-fatt li jikkawża ħsara u t-territorju ta' dan l-ewwel Stat teżisti rabta suffiċjenti, sostanzjali jew sinjifikattiva u, f'dan it-tieni każ, jekk din ir-rabta tistax tirriżulta:

  — min-numru ta' konnessjonijiet għall-paġna inkwistjoni minn ġewwa dan l-ewwel Stat Membru, f'valur assolut jew relattiv għall-konnessjonijiet kollha għall-imsemmija paġna,

  — mir-residenza, jew anki min-nazzjonalità, tal-persuna li tilmenta minn ksur tad-drittijiet tagħha relatati mal-personalità jew, b'mod iktar ġenerali, tal-persuni kkonċernati,

  — mil-lingwa li fiha tkun imxandra l-informazzjoni inkwistjoni jew minn kull element ieħor li jista' juri r-rieda tal-editur tas-sit li jindirizza speċifikament lill-pubbliku ta' dan l-ewwel Stat,

  — mill-post fejn iseħħu l-fatti msemmija u/jew fejn ittieħdu r-ritratti li eventwalment tqiegħdu online,

  — minn kriterji oħra?"

30 Permezz ta' digriet tad-29 ta' Ottubru 2010, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 43 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, iddeċieda li jgħaqqad il-Kawżi C-509/09 u C-161/10 għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

**Fuq l-ammissibbiltà**

31 Il-Gvern Taljan jikkunsidra li d-domandi magħmula fil-Kawża C-509/09 għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli minħabba li ma humiex rilevanti għas-soluzzjoni fil-kawża prinċipali. L-azzjoni ta' inibizzjoni hija għodda ġudizzjarja ta' urġenza u għalhekk tippresupponi l-attwalità tal-aġir li jikkawża ħsara. Madankollu mill-preżentazzjoni tal-fatti tal-kawża preżenti jirriżulta li l-aġir ikkunsidrat bħala li jikkawża ħsara ma kienx għadu attwali fil-mument tal-preżentata tal-azzjoni ta' inibizzjoni, peress li l-amministrattur tas-sit kien diġà rtira l-informazzjoni kkontestata qabel ma bdiet il-kawża.

32 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà li tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tagħti deċiżjoni (ara s-sentenza tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera Sverige, C-52/09, Ġabra p. I-527), punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali huwa, fil-fatt, possibbli biss meta jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mitluba bl-ebda mod ma hija relatata mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, b'mod partikolari meta l-problema tkun ta' natura ipotetika (ara s-sentenza TeliaSonera Sverige, iċċitata iktar il-fuq, punt 16).

34 Issa, fil-kawża prinċipali ma jidhirx li l-azzjoni ta' inibizzjoni saret mingħajr suġġett minħabba l-fatt li l-amministratur tas-sit kien diġà irtira l-informazzjoni kkontestata qabel ma bdiet il-kawża. Fil-fatt, kif imfakkar fil-punt 18 ta' din is-sentenza, ir-rikors ta' inibizzjoni beda fiż-żewġ istanzi inferjuri.

35 F'kull każ, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat li, fid-dawl ta' kliemu, l-Artikolu 5(3) tar-Regolament ma jippresupponix l-eżistenza attwali ta' ħsara (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2002, Henkel, C-167/00, Ġabra p. I-8111, punti 48 u 49). Minn dan isegwi li azzjoni intiża sabiex jiġi evitat li aġir ikkunsidrat bħala illeċitu ma jirrepetix ruħu hija koperta minn din id-dispożizzjoni.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli.

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament*

37 Permezz tal-ewwel żewġ domandi fil-Kawża C-509/09 u tad-domanda unika fil-Kawża C-161/10, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju essenzjalment jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja kif l-espressjoni "post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq", użata fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament, għandha tiġi interpretata fil-każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità mwettaq permezz tat-tqegħid online fuq sit tal-internet.

38 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, għandu jiġi mfakkar, minn naħa, li skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu, billi jsir riferiment għas-sistema u għall-għanijiet tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Zuid-Chemie, C-189/08, Ġabra p. I-6917, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Min-naħa l-oħra, sa fejn ir-Regolament issa ssostitwixxa, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), hekk kif emendata b'konvenzjonijiet suċċessivi relatati mal-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda ma' din il-konvenzjoni (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell"), l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijeit ta' din il-konvenzjoni tapplika wkoll għal dawk tal-imsemmi regolament, meta d-dispożizzjonijiet ta' dawn l-atti leġiżlattivi Komunitarji jistgħu jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti (sentenza Zuid-Chemie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18).

40 Hija ġurisprudenza stabbilita li r-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali stabbilita, b'deroga mill-prinċipju ta' ġurisdizzjoni tal-qrati tad-domiċilju tal-konvenut, fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament, hija bbażata fuq l-eżistenza ta' rabta partikolarment stretta bejn l-ilment u l-qrati tal-post fejn seħħ il-fatt dannuż, u li għalhekk tiġġustifika l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni lil dawn tal-aħħar għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ta' organizzazzjoni xierqa tal-proċeduri (ara s-sentenza Zuid-Chemie, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għandu jiġi mfakkar ukoll li l-espressjoni "post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq" tirrigwarda fl-istess ħin kemm il-post ta' fejn seħħ l-aġir li kkawża d-dannu kif ukoll il-post ta' fejn immaterjalizza ruħu d-dannu. Dawn iż-żewġ postijiet jistgħu jikkostitwixxu rabta sinjifikattiva mill-perspettiva tal-ġurisdizzjoni ġudizzjarja, peress li kull wieħed minnhom jista', skont iċ-ċirkustanzi, jipprovdi indikazzjoni partikolarment utli f'dak li jirrigwarda l-prova u l-organizzazzjoni tal-proċess (sentenza tas-7 ta' Marzu 1995, Shevill *et*, C-68/93, Ġabra p. I-415, punti 20 u 21).

42 Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ kriterji ta' rabta għal azzjonijiet intiżi li jikkumpensaw dannu immaterjali allegatament ikkawżat minn pubblikazzjoni malafamanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li fil-każ ta' malafama permezz ta' artiklu tal-istampa mxandar f'diversi Stati kontraenti, il-vittma jista' jibda azzjoni għad-danni kontra l-editur jew quddiem il-qrati tal-Istat kontraenti tal-post fejn huwa stabbilit l-editur tal-pubblikazzjoni malafamanti, li għandhom ġurisdizzjoni biex jikkumpensaw d-danni kollha li jirriżultaw mill-malafama, jew inkella quddiem il-qrati ta' kull Stat kontraenti fejn ġiet imxandra l-pubblikazzjoni u fejn l-allegata vittma tallega li sofriet preġudizzju għar-reputazzjoni tagħha, li għandhom ġurisdizzjoni jiddeċiedu biss dwar id-danni kkawżati fl-Istat tal-qorti adita (sentenza Shevill *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

43 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li, għalkemm huwa minnu li l-fatt li l-ġurisdizzjoni tal-Istati fejn seħħet il-pubblikazzjoni tiġi llimitata għad-danni kkawżati fl-Istat tal-*forum* iġib miegħu xi inkonvenjenti, madankollu r-rikorrent dejjem għandu l-possibbiltà li jressaq it-talba sħiħa tiegħu jew quddiem il-qorti tad-domiċilju tal-konvenut jew inkella quddiem il-qorti tal-post fejn huwa stabbilit l-editur tal-pubblikazzjoni malafamanti (sentenza Shevill *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

44 Dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu, hekk kif espona l-Avukat Ġenerali fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tiegħu, jiġu applikati wkoll għal midjas u għal mezzi ta' komunikazzjoni oħra u jistgħu jkopru medda wiesgħa ta' ksur ta' drittijiet tal-personalità rikonoxxuri mid-diversi sistemi ġuridiċi, bħal dawk allegati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

45 Madankollu, kif osservaw kemm il-qrati tar-rinviju kif ukoll il-parti l-kbira tal-partijiet jew tal-persuni kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tqegħid online ta' kontenuti fuq sit tal-internet huwa differenti mix-xandir territorjali ta' midja bħal ma hija l-istampa sa fejn dan it-tqegħid huwa intiż, bħala prinċipju, għall-ubikwitàtal-imsemmija kontenuti. Dawn jistgħu jiġu kkonsultati instantanjament minn numru indefinit ta' internawti kullumkien fid-dinja, indipendentement minn kull intenzjoni tax-xandar tagħhom intiża għall-konsultazzjoni tagħhom lil hinn mill-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu u lil hinn mill-kontroll tiegħu.

46 Għalhekk jidher li internet inaqqas l-utilità tal-kriterju dwar ix-xandir, sa fejn il-portata tax-xandir ta' kontenuti mqiegħdha online hija bħala prinċipju universali. Barra minn hekk, fuq il-livell tekniku għadu mhux possibbli li dan ix-xandir jiġi kkwantifikat b'ċertezza u b'mod affidabbli fir-rigward ta' Stat Membru partikolari u għaldaqstant lanqas ma huwa possibbli li jiġi evalwat id-dannu esklużivament ikkawżat f'dan l-Istat Membru.

47 Id-diffikultajiet ta' implementazzjoni, fil-kuntest tal-internet, tal-imsemmi kriterju tal-materjalizzazzjoni tad-dannu li joħroġ mis-sentenza Shevill *et,* iċċitata iktar 'il fuq, jikkuntrastaw, kif josserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, mal-gravità tal-ħsara li jista' jsofri proprjetarju ta' dritt tal-personalità li jikkonstata li kontenut li jikser tali dritt huwa disponibbli f'kull punt tad-dinja.

48 Għalhekk il-kriterji ta' rabta' mfakkra fil-punt 42 ta' din is-sentenza għandhom jiġu adattati fis-sens li l-vittma ta' ksur ta' dritt tal-personalità mwettaq permezz tal-internet tista' tadixxi, skont il-post tal-materjalizzazzjoni tad-dannu kkawżat fl-Unjoni Ewropea mill-imsemmi ksur, *forum* fir-rigward ta' dan id-dannu kollu kemm hu. Peress li l-qoti li tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tevalwa l-impatt li kontenut imqiegħed online kellu fuq id-drittijiet tal-personalità ta' persuna hija l-qorti tal-post fejn l-allegata vittma għandha ċ-ċentru tal-interessi tagħha, l-attribuzzjoni ta' ġurisdizzjoni lil din il-qorti tikkorrispondi mal-għan ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, imfakkar fil-punt 40 ta' din is-sentenza.

49 Il-post fejn persuna għandha ċ-ċentru tal-interessi tagħha jikkorrispondi bħala regola ġenerali għall-post tar-residenza abitwali tagħha. Madankollu, persuna jista' jkollha ċ-ċentur tal-interessi tagħha anki fi Stat Membru fejn hija ma hijiex residenti b'mod abitwali, sa fejn indizji oħra, bħall-eżerċizzju ta' attività professjonali, jistgħu jistabbilixxu l-eżistenza ta' rabta' partikolarment stretta ma dan l-Istat.

50 Il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-post fejn l-allegata vittma għandha ċ-ċentru tal-interessi tagħha hija konformi mal-għan ta' previdibbiltà tar-regoli tal-ġurisdizzjoni (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2001, BVG, C-144/10, Ġabra p. I-3961, punt 33) anki fir-rigward tal-konvenut, peress li x-xandar ta' kontenut li jikkawża ksur huwa, fil-mument tat-tqegħid online ta' dan il-kontenut, f'pożizzjoni li jkun jaf iċ-ċentru tal-interessi tal-persuni li huma s-suġġett ta' dan il-kontenut. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-kriterju taċ-ċentru tal-interessi fl-istess ħin jippermetti kemm li r-rikorrent jidentifika faċilment il-qorti li fiha jista' jibda proċedura legali kif ukoll li l-konvenut jipprevedi b'mod raġonevoli dik il-qorti li fiha huwa jista' jiġi mfittex (ara s-sentenzi tat-23 ta' April 2009, Falco Privatstiftung u Rabitsch, C-533/07, Ġabra p. I-3327, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Barra minn hekk, minflok azzjoni għad-danni abbażi tad-dannu kollu kemm hu, il-kriterju tal-materjalizzazzjoni tad-dannu li joħroġ mis-sentenza Shevill *et,* iċċitata iktar 'il fuq, jagħti ġurisdizzjoni lill-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu huwa jew kien aċċessibbli kontenut imqiegħed online. Dawn għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu biss dwar id-danni kkawżati fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita.

52 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel żewġ domandi fil-Kawża C-509/09 u għad-domanda unika fil-Kawża C-161/10 għandha tkun li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità permezz ta' kontenuti mqiegħda online fuq sit tal-internet, il-persuna li tqis lilha nnifisha leża għandha l-għażla li tressaq azzjoni għad-danni, abbażi tad-dannu kkawżat kollu kemm hu, jew quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-post ta' fejn huwa stabbilit ix-xandar ta' dawn il-kontenuti, jew inkella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi tagħha. Din il-persuna tista' wkoll tressaq, minflok azzjoni għad-danni abbażi tad-dannu kkawżat kollu kemm hu, l-azzjoni tagħha quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu huwa jew kien aċċessibbli kontenut imqiegħed online. Dawn għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu biss dwar id-danni kkawżati fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita.

*Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva*

53 Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-509/09, il-Bundesgerichtshof tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva għandhomx in-natura ta' regoli ta' kunflitt ta' liġijiet fis-sens li dawn jippreskrivu anki fid-dritt ċivili l-applikazzjoni esklużiva, għas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, tad-dritt fis-seħħ fil-pajjiż tal-oriġini, bl-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' kunflitt ta' liġijiet, jew inkella jekk dawn jikkostitwixxux korrettiv tad-dritt iddikjarat applikabbli skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' kunflitt ta' liġijiet sabiex jimmodifikaw il-kontenut tagħhom skont il-ħtiġijiet tal-pajjiż tal-oriġini.

54 Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu analizzati billi jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmlu parti (ara s-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, Ġabra p. I-6857, punt 50; tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE, C-306/05, Ġabra p. I-11519, punt 34, u tas-7 ta' Ottubru 2010, Lassal, C-162/09, Ġabra p. I-9217), punt 49).

55 F'dan is-sens, id-dispożittiv ta' att tal-Unjoni Ewropea ma jistax jiġi sseparat mill-motivazzjoni tiegħu u għandu jiġi interpretat, jekk ikun neċessarju, fid-dawl tal-motivi li wasslu għall-adozzjoni tiegħu (sentenzi tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-298/00 P, Ġabra p. I-4087, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Lassal, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

56 Id-Direttiva, adottata abbażi tal-Artikoli 47(2) KE, 55 KE u 95 KE, għandha l-għan, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, li tikkontribwixxi għal funzjonament sewwa tas-suq intern billi tiżgura l-moviment liberu bejn l-Istati Membri tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni. Il-premessa 5 tagħha ssemmi, bħala ostakoli legali għal funzjonamet xieraq tas-suq intern f'dan il-qasam, id-diverġenzi fil-leġiżlazzjoni kif ukoll l-inċertezza legali tas-sistemi nazzjonali applikabbli għal dawn is-servizzi.

57 Issa, fir-rigward tal-parti l-kbira tal-aspetti tal-kummerċ eletroniku d-Direttiva ma tipprovdix għal armonizzazzjoni tar-regoli sostantivi iżda tiddefinixxi "qasam ikkordinat" li fil-kuntest tiegħu l-mekkaniżmu tal-Artikolu 3 għandu jippermetti, skont il-premessa 22 tad-Direttiva, li s-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni jiġu, bħala prinċipju, suġġetti għas-sistema legali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur.

58 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, minn naħa, li s-sistema legali tal-Istat Membru ta' fejn huwa stabbilit il-fornitur tinkludi l-qasam tad-dritt ċivili, u dan jirriżulta, b'mod partikolari, kemm mill-premessa 25 tad-Direttiva kif ukoll mill-fatt li l-Anness tagħha jelenka d-drittijiet u l-obbligi ta' natura ċivili li fir-rigward tagħhom ma japplikax il-mekkaniżmu tal-Artikolu 3. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu għar-responsabbiltà tal-fornituri hija espliċitament prevista mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(h)(i) tad-Direttiva.

59 Il-qari tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u tal-għanijiet imsemmija iktar 'il fuq juri li l-mekkaniżmu previst mid-Direttiva jimponi, anke fid-dritt ċivili, l-osservanza tar-rekwiżiti tad-dritt sostantiv fis-seħħ fil-pajjiż ta' fejn huwa stabbilit il-fornitur. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet vinkolanti ta' armonizzazzjoni adottati fil-livell tal-Unjoni, huwa biss ir-rikonoxximent tan-natura vinkolanti tas-sistema nazzjonali, li liha l-leġiżlatur iddeċieda li jissuġġetta lill-fornituri u lis-servizzi tagħhom, li jista' jiggarantixxi l-effett sħiħ tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva jikkonferma tali interpretazzjoni sa fejn dan jispeċifika r-rekwiżiti sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jidderogaw mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, rekwiżiti li għandhom jiġu kkunsidrati bħala eżawrjenti.

60 Issa, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll tal-Artikolu 1(4) tagħha, li jgħid li din ma tistabbilixxix regoli addizzjonali ta' dritt internazzjonali privat li jirrigwardaw il-kunflitt tal-liġijiet.

61 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, minn naħa, li jekk ir-regola tas-suq intern stabbilita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tiġi interpretata fis-sens li din twassal għall-applikazzjoni tad-dritt sostantiv fis-seħħ fl-Istat Membru ta' stabbiliment, din l-interpretazzjoni ma tiddeterminax il-klassifikazzjoni tagħha bħala regola tad-dritt internazzjonali privat. Fil-fatt, l-Artikolu 3(1) prinċipalment jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li s-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn fornitur stabbilit fit-territorju tagħhom ikunu jirrispettaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli f'dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-qasam ikkoordinat. L-impożizzjoni ta' tali obbligu ma għandhiex il-karatteristiċi ta' regola ta' kunflitt ta' liġijiet, intiża sabiex issolvi kunflitt speċifiku bejn diversi drittijiet li jistgħu jkunu applikabbli.

62 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva jistipula li l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet koperti mill-qasam ikkoordinat, jillimitaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni stabbilita fi Stat Membru ieħor. Min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 23 tagħha, jirriżulta li l-Istati Membri ospitanti huma bħala prinċipju liberi li jindikaw, abbażi tad-dritt internazzjonali privat tagħhom, ir-regoli sostantivi applikabbli sa fejn ma tirriżultax restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' kummerċ elettroniku.

63 Minn dan isegwi li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva ma jimponix traspożizzjoni fil-forma ta' regola speċifika ta' kunflitt ta' liġijiet.

64 Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva għandhom jiġu interpretati b'mod li jiggarantixxu li l-approċċ ta' koordinazzjoni magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni jkun effettivament jippermetti li jiġi żgurat il-moviment liberu tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat li dispożizzjonijiet imperattivi ta' direttiva li huma neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-suq intern għandhom ikunu jistgħu jiġi applikati anki fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi diverġenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2000, Ingmar, C-381/98, Ġabra. p. I-9305, punt 25, u tat-23 ta' Marzu 2006, Honyvem Informazioni Commerciali, C-465/04, Ġabra p. I-2879, punt 23).

66 Issa, f'dak li jirrigwarda l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 3 tad-Direttiva, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li s-servizzi ta' kummerċ elettroniku jiġu suġġetti għas-sistema legali tal-Istat Membru ta' fejn huwa stabbilit il-fornitur tagħhom abbażi tal-imsemmi Artikolu 3(1), ma jippermettix li l-moviment liberu ta' dawn is-servizzi jiġi ggarantit jekk il-fornituri jkollhom, fl-aħħar mill-aħħar, josservaw, fl-Istat Membru ospitanti, rekwiżiti iktar stretti minn dawk li huma suġġetti għalihom fl-Istat Membru ta' fejn huma stabbiliti.

67 Minn dan isegwi li l-Artikolu 3 tad-Direttiva jipprekludi, bla ħsara għad-derogi awtorizzati skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva, li fornitur ta' servizz ta' kummerċ elettroniku jiġi suġġett għal rekwiżiti iktar stretti minn dawk previsti mid-dritt sostantiv fis-seħħ fl-Istat Membru ta' fejn huwa stabbilit l-imsemmi fornitur.

68 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-509/09 għandha tkun li l-Artikolu 3 tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix traspożizzjoni fil-forma ta' regola speċifika ta' kunflitt ta' liġijiet. Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-qasam ikkoordinat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bla ħsara għad-derogi awtorizzati skont ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva, il-fornitur ta' servizz ta' kummerċ elettroniku ma jiġix suġġett għal rekwiżiti iktar stretti minn dawk previsti mid-dritt sostantiv fis-seħħ fl-Istat Membru ta' fejn huwa stabbilit l-imsemmi fornitur.

**Fuq l-ispejjeż**

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità permezz ta' kontenuti mqiegħda online fuq sit tal-internet, il-persuna li tqis lilha nnifisha leża għandha l-għażla li tressaq azzjoni għad-danni, abbażi tad-dannu kkawżat kollu kemm hu, jew quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-post ta' fejn huwa stabbilit ix-xandar ta' dawn il-kontenuti, jew inkella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi tagħha. Din il-persuna tista' wkoll tressaq, minflok azzjoni għad-danni abbażi tad-dannu kkawżat kollu kemm hu, l-azzjoni tagħha quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu huwa, jew kien, aċċessibbli kontenut imqiegħed online. Dawn għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu biss dwar id-danni kkawżati fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita.**

2) **L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku"), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix traspożizzjoni fil-forma ta' regola speċifika ta' kunflitt ta' liġijiet. Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-qasam ikkoordinat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bla ħsara għad-derogi awtorizzati skont ir-rekwiżiti**

**previsti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/31, il-fornitur ta' servizz ta' kummerċ eletroniku ma jiġix suġġett għal rekwiżiti iktar stretti minn dawk previsti mid-dritt sostantiv fis-seħħ fl-Istat Membru ta' fejn huwa stabbilit l-imsemmi fornitur.**

Firem